

31992R2410

L 240/18

IL-ĠURNAL UFFIċJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.8.1992

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2410/92****tat-23 ta' Lulju 1992**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3975/87 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settut tat-trasport bl-ajru**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali (³),

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3975/87 (⁴) ifforma parti minn pakkett ta' miżuri inter-relatati adottati mill-Kunsill bħala l-ewwel pass lejn it-tlestitja tas-suq intern tat-trasport; billi l-għan tiegħu kien għaldaqstant limitat għat-trasport internazzjonali bl-ajru bejn l-ajrūporti tal-Komunità;

Billi, għalhekk, fil-preżent il-Kummissjoni m'għandha l-ebda mezz sabiex tinvestiga direttament każżejjiet ta' suspect ta' ksur ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat u m'għandhiex il-poteri li tieħu deċiżjonijiet jew li timponi dawk il-penalitajiet kif meħtieġa sabiex hija tawtorizza ftehim taħt l-Artikolu 85(3) u sabiex twaqqaf il-ksur stabbiliti minnha dwar trasport fi Stat Membru;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Lulju 1992.

Billi t-trasport bl-ajru interament fi Stat Membru huwa issa wkoll soġġett għal miżuri ta' liberalizzazzjoni Komunitarji; billi huwa għalhekk mixtieq li jkunu stabbiliti regoli li taħthom il-Kummissjoni, tieħu azzjoni mill-qrib u kostanti ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, tista' tieħu l-miżuri mitluba għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat fdan il-qasam tat-trasport bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jkun effettwat;

Billi hemm bżonn li jiġi stabbilit qafas legali żgur u ċar għat-trasport bl-ajru fi Stat Membru, waqt li tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-kompetitizzjoni; billi, għal-hekk, l-għan tar-Regolament (KEE) Nru 2975/87 għandu jkun estiż għal dan il-qasam tat-trasport bl-ajru,

**ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:**

**L-Artikolu 1**

Il-kelma “internazzjonali” hija hawnhekk imħassra mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

**L-Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. COPE

(¹) ĠU C 255, tat-30.8.1991, p. 9.

(²) ĠU C 125, tat-18.5.1992, p. 130.

(³) ĠU C 169, tas-6.7.1992, p. 13.

(⁴) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 1.